*Partijiet oħra fil-proċedura:* Devin AD, L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u li Haskovo Chamber of Commerce and Industry għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Frar 2019 minn CheapFlights International Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-11 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-565/17: CheapFlights International vs EUIPO — Momondo Group**

**(Kawża C-170/19 P)**

(2019/C 295/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* CheapFlights International Ltd (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-10 ta' Lulju 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Frar 2019 minn UC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-14 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-572/17, UC vs Il-Parlament**

**(Kawża C-196/19 P)**

(2019/C 295/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* UC (rappreżentanti: A. Tymen, avocate)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tat-23 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ċaħdet l-appell.

---